MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1719/2002

***Bank of Valletta p.l.c.***

***vs***

***Antonio u Mary Rose mizzewgin Camilleri***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Lulju, 2002, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u sebgha u sebghin liri Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm677.71c) rappresentanti l-import ta' hdax-il (11) kambjala migbuda mis-socjeta' *F.M.C. Motors Limited* u ggirati u fil-pussess tas-socjeta' attrici, liema kambjali huma skaduti u mhux imhallsa fil-15 ta' Marzu 2001, 15 ta' April 2001, 15 ta' Mejju 2001, 15 ta' Gunju 2001, 15 ta' Lulju 2001, 15 ta' Awissu 2001, 15 ta' Settembru 2001, 15 ta' Ottubru 2001, 15 ta' Novembru 2001, 15 ta' Dicembru 2001 u 15 ta' Jannar 2002, liema kambjali huma esibiti u mmarkati

bhala Dokument A1 sa A11, flimkien ma’ l-imghaxijiet mid-data ta’ l-iskadenza ta’ kull kambjala sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tad-29 ta’ Jannar 2002, esibita u mmarkata bhala Dokument B u tal-mandati ta’ Qbid u Sekwestru pprezentati kontestwalment ma’ l-avviz kontra l-konvenuti.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati baqghu ma dehrux u l-anqas ma pprezentaw risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-Prokuratur Legali Joseph Zammit ghan-nom tal-Bank attur, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti nkluz l-affidavit ta’ l-istess P.L. Zammit immarkat bhala Dokument C.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt mija u sebgha u sebghin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm677.71c), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tad-29 ta’ Jannar 2002, kif ukoll tal-Mandat ta’ Qbid u tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentati

kontestwalment ma’ l-avviz ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**